# Għoxrin sena ilu sar f'Malta s-VII Simposju Internazzjonali dwar San Ġużepp

Għoxrin sena ilu kien sar f'Malta s-VII Simposju Internazzjonali dwar San Ġużepp, li l-Arċikonfraternitàà ta' San Ġużepp tar-Rabat tal-Imdina kienet ġiet fdata biex torganizza f'pajjiżna miċ-Ċentri tal-Istudji dwar San Ġużepp li jinsabu mxerrda f'diversi pajjiżi madwar id-dinja.

Kif kienu qalu ħafna dan kien l-akbar avveniment li għamlet s'issa l-imsemmija Arċikonfraternità fl-istorja tagħha u l-akbar avveniment fl-istorja tal-kult devozzjonali lejn San Ġużepp f'pajjiżna, wara dak tal-Inkurunazzjoni tal-istatwa antika u devota ta' San Ġużepp, fl-1963. Fejn din l-Arċikonfraternità permezz ta' dan is-Simposju kienet laqqgħet f'pajjiżna diversi studjużi dwar San Ġużepp minn diversi pajjiżi minn madwar id-dinja kollha. Kien Simposju kbir kemm f'dawk li huma ċelebrazzjonijiet li ġew organizzati u wisq iżjed fl-istudji li ġew ippreżentati matul il-laqgħat li saru ta' dan is-Simposju. Fil-fatt fi kliem id-Diretturi taċ-Ċentri tal-Istudji dwar San Ġużepp, dan kien l-akbar Simposju Internazzjonai dwar San Ġużepp li qatt ġie organizzat s'issa kemm ilu jsir mill-1970.

Matul is-sena 1997, is-sena li ġie organnizat f'Malta dan is-Simposju, ġew organizzati diversi attivitajiet reliġjużi u kulturali mill-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, bi tħejjija għal dan is-Simposju. Fost dawn insemmu: il-Kunċert ta' Mużika Sagra Ġużeppina, li sar fil-Knisja Katidrali ta' Malta, fl-Imdina, nhar it-23 ta' Jannar bis-sehem tal-Banda Dekana L'Isle Adam. Lejla ta' Kant u Qari Letterarju f'ġieħ San Ġużepp, li kienet saret fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fir-Rabat, nhar l-4 ta' Frar. Pellegrinaġġ Nazzjonali fir-Rabat bl-istatwa ta' San Ġużepp Inkurunat mill-knisja tal-Patrijiet Dumnikani għall-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, nhar l-1 ta' Mejju, Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem u Jum it-Tifkira tal-Inkurunazzjoni tal-istess statwa. Kif ukoll Wirja bit-tema: "San Ġużepp fil-Gżejjer Maltin", li saret fil-kjostru tal-kunvent tal-Patrijiet Franġiskani tal-imsemmija knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù. Din il-Wirja kienet miftuħa għall-pubbliku bejn il-31 ta' Awwissu sal-14 ta' Settembru.

Il-qofol ta' dan is-Simposju kien bejn it-22 u t-28 ta' Settembru, meta saru l-konferenzi fid-Dar tal-Irtiri, għand il-Patrijiet Franġiskani, f'Porziuncola House, Baħar iċ-Ċagħaq. Fl-istess jiem saru wkoll ċelebrazzjonijiet liturġiċi f'diversi knejjes parrokkjali li huma dedikati lil San Ġużepp fil-gżejjer tagħna kif ukoll f'oħrajn li għandhom konnessjoni kbira mad-devozzjoni f'pajjiżna lejn dan il-Qaddis.

It-tema ta' dan is-Simposju kienet: "San Ġużepp fis-Sekli XIX U XX". Ġew preżentati 68 relazzjoni li kienu jitrattaw dan is-suġġett f'aspett bibliku, teoloġiku, dottrinali, liturġiku, pastorali, letterarju, artistiku u storiku. Dan kien l-akbar numru ta' relazzjonjiet li ġew ippreżentati s'issa kemm ilu jsir dan is-Simposju, li fih ħadu sehem studjużi dwar San Ġużepp minn 15-il pajjiż differenti minn madwar id-dinja.

Matul id-diversi ċelebrazzjonjiet liturġiċi li saru fuq temi pastorali f'diversi lokalitajiet ta' Malta u ta' Għawdex, ġiet esposta għall-qima tal-poplu l-istatwa antika u devota ta' San Ġużepp Inkurunat, li f'din l-okkażjoni speċjali kienet ġiet meħuda għall-ewwel darba wkoll fil-gżira ta' Għawdex, għaċ-ċelebrazzjoni liturġika konnessa mal-istess Simposju li saret nhar il-Ġimgħa 26 ta' Settembru quddiem il-knisja Arċipretali ta' San Ġużepp tal-Qala.

Dan is-Simposju kien ġie fit-tmiem tiegħu l-Ħadd 28 ta' Settembru. Fejn dakinhar filgħodu saret iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-istatwa monumentali ta' San Ġużepp, li tinsab fil-pjazza ta' quddiem id-Domus Rumana fir-Rabat. Fis-sitta ta' filgħaxija, saret purċissjoni solenni u devota bl-istatwa msemmija ta' San Ġużepp Inkurunat, mill-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù tar-Rabat għall-knisja Katidrali ta' Malta fl-Imdina, li ġiet immexxija mill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Gilberto Agustoni. Wara fl-istess Katidral saret Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni, immexxija mill-istess Kardinal, fil-preżenza tal-President ta' Malta Dr. Ugo Mifsud Bonnici u s-Sinjura tiegħu.



*L-istatwa monumentali ta' San Ġużepp xogħol l-artist nazzjonali Rabti Prof. Anton Agius, li ġie inawgurat għoxrin sena ilu fl-okkażjoni tas-VII Simposju Internazzjonali dwar San Ġużepp.*

Fost l-oħrajn f'dan is-Simposju kienu ħadu sehem barra l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Gilberto Agustoni; l-Eċċ. Tiegħu l-Arċisqof Mons. Josè Sebastian Laboa, Nunzju Appostoliku; l-Arċisqof ta' Malta, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Ġużeppi Mercieca; l-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex; l-Eċċ. Tiegħu Mons. Silvestru C. Magro O.F.M., Vigarju Appostoliku ta' Bengħazi – Libja u l-Eċċ. Tiegħu Mons. Julian Wojtkowski, Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali ta' Warmia, fil-Polonja. Ħadu sehem ukoll għadd ta' saċerdoti kemm barranin kif ukoll Maltin, reliġjużi u lajċi.

Naturalment, barra s-sehem attiv li ħadet u tat l-imsemmija Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, li kienet l-organizattriċi ewlenija ta' dan is-Simposju permezz taċ-Ċentru tal-Istudji dwar l-istess Qaddis li jinsab imwaqqaf fi ħdana, ħadu sehem ukoll il-Patrijiet Franġiskani, li ospitaw fid-Dar tagħhom tal-Irtiri "Porziuncola" f'Baħar iċ-Ċagħaq, id-delegati barranin li ġew għal dan is-Simposju. Diversi Fratellanzi ta' San Ġużepp li jinsabu mwaqqfa fil-gżejjer tagħna. Kif ukoll diversi Għaqdiet Mużikali Ġużeppini li jinsabu mwaqqfa fl-istess gżejjer tagħna taħt il-protezzjoni ta' San Ġużepp. Fost dawn ċertament insemmu l-Banda Dekana u Ċittadina L'Isle Adam, li tat diversi servizzi mużikali fiċ-ċelebrazzjonjiet ta' dan is-Simposju. Ħadu sehem ukoll il-Fergħa Maltija tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, kif ukoll il-Kavallieri "Knights of Columbus" tal-Kanada, kif ukoll l-Għaqda tan-Nar 19 ta' Marzu li tat is-sehem tagħha wkoll bil-ħruq tal-logħob tan-Nar tal-Ajru f'diversi ċelebrazzjonjiet li saru f'din l-okkażjoni.

Fost l-għadd kbir ta' messaġġi li rċeviet l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp f'din l-okkażjoni speċjali, insibu dak li ġie mibgħut mill-Qdusija Tiegħu, illum il-Papa San Ġwanni Pawlu II, fejn ta l-awgurju u l-Barka Appostolika Tiegħu lill-imsemmija Arċikonfraternità u lill-patreċipanti kollha ta' dan is-Simposju Internazzjonali Ġużeppin.


THE LANDLIFE
FRUIT & VEG

FRESH FRUITS & VEGETABLES

Triq Għajn Kajjet, Rabat  Mob: 77048207

MON - FRI 6:00am-7:00pm  SAT 6:00am-1:00pm  SUN 7:00am-12:00pm

Free Delivery